**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' April, 2025**

**Talba Nru: 311/2024MD**

**Vodafone Malta Limited Illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Anna Caruana (0185571M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-20 ta' Novembru, 2024[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenuta tħallas is-somma ta' tminn mija, tmienja u tletin Ewro u ħmistax-il ċenteżimu (€838.15) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11011236 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta; bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 1987/2022, u l-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata bl-Avviż, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi, u lanqas ma dehret għas-seduti tat-18 ta' Marzu, 2025,[2] u tat-28 ta' Marzu, 2025[3].

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 16 tal-proċess
[3] A fol 18 tal-proċess

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2025[4] u fil-fatt il-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi għalih għas-seduta tat-28 ta' Marzu, 2025.[5]

Sema x-xhieda tal-PL Petra Licari li kkonfermat li l-ammont ta' tminn mija, tmienja u tletin Ewro u ħmistax-il ċenteżimu (€838.15) għadu dovut[6].

Ra li fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2025[7] it-Tribunal awtorizza lil konvenuta żmien sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub u l-konvenuta naqset li tagħmel dan.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess avviż li jindika l-bilanċ dovut għal-servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont numru 1.11011236 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta, kif ukoll mill-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono[8] in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, u mix-xhieda tal-PL Petra Licari in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenuta tħallas is-somma ta' tminn mija, tmienja u tletin Ewro u ħmistax-il ċenteżimu (€838.15) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11011236 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta, bl-imgħax dekorribbli mill-1 ta' April, 2021[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 227/23[10] jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

---

[4] A fol 17 tal-proċess
[5] A fol 18 tal-proċess
[6] *Ibid*
[7] *Ibid*
[8] A fol 4 tal-proċess
[9] Data skont il-fattura annessa mat-talba, a fol 5 et seq tal-proċess
[10] A fol 10 et seq tal-proċess